MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2009

Avviz Numru. 358/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**vs**

**Fabrizio Faniello**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat il-25 ta’ Settembru tas-sena 2009, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun kkundannat:

1. Illi jhallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ hdax-il elf, mija u erbgha u tmenin Ewro u disghin centezmu (€11,184.90), bilanc ghad-debitu fil-“*Loan*

*Account"* tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A3") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-4 t'Awissu tas-sena 2009 sal-jum tal-pagament effettiv;

2. U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata tad-9 ta' Frar tas-sena 2004 (Dok. "B") u partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-intimat Fabrizio Faniello:

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, u

(b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assuniti, u/jew

(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess intimat li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti u b'hekk l-intimat ddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa;

3. Minghajr pregudizzju ghall-somom ohra ta' flus dovuti mill-intimat Fabrizio Faniello lis-socjeta` rikorrenti li ghalihom is-socjeta` rikorrenti tirrizerva li tipprocedi f'gudizzju separat;

4. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datat 21 ta' Mejju tas-sena 2009 (Dok "C") kontra l-intimat li huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tar-rapprezentant legali tal-intimat datata l-24 ta' Novembru tas-sena 2009, li permezz taghha l-intimat ammetta t-talbiet dedotti kontra tieghu;

Illi in vista tal-istess, din il-qorti:

1. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ hdax-il elf, mija u erbgha u tmenin Ewro u disghin centezmu, (€11,184.90);

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti mill-21 ta’ Mejju tas-sena 2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------